**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tat-2 ta' Novembru, 2000.**

**Citazzjoni numru 2412/00**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**
**Vs.**
**Carmelo Scicluna et.**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi il-konvenuti huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn tliet mijau ghoxrin lira (Lm2320), rappresentanti import ta' 20 kambjali ta' Lmll6 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Marzu, l999 sa Ottubru, 2000 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 20 konsekuttivament u inklusivament;**

**Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti.**

**Illi l-kreditu tas-socjeta attrici fis-somma ta' Lm2320 hu cert, likwidu u esigibbli u safejn taf is-socjeta attriic, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra it-talba taghha ghal-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa ,ir-rapprezentant tas-socjeta attrici, hawn annessa Dok. A;**

**Talbet ghalhekk lil-konvenut jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-**

**1) ma ghandiex dina l-Qorti taghti is-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta attrici blama tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli l67-l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u**

**2) Tikkundanna minnufih lill-konvenuti ihallsu lill-istess socjeta attrici is-somma ta' Lm2320 fuq imsemija dovuta kif intqal fuq.**

**Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 ta' Ottubru, 2000 jammonta ghal-Lml73, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-l9 ta' Lulju, 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;**

**Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezenta in-nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidhru ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqghu kontumaci;**

**Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;**

**Rat in-nota tas-socjeta attrici tal-l5 ta' Ottubru, 2001 li biha irriduciet is-sorte ghall-Lm2082 u l-imghax ghal-Lm238 stante pagament fil-mori tal-kawza ta' Lm238 ghar-rigward tas-sorte u ta' Lm93 ghar-rigward tal-imghax;**

**Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;**

**Billi mill-provi mhux kontradetti t-talbiet kif ridotti jirrizultaw pruvati;**

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif ridotti bl-imghaxijiet u bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**Imhallef**

**Dep. Registratur**